MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2014

Numru. 849/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Lauren Sandrine Dominique Bonamy**

**Emeline Elodie Adeline Gaignier**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Lauren Sandrine Dominique Bonamy ta' 17-il sena, bint David u Claudine nee' Fuseau, imwielda gewwa Angers nhar is-17 ta' Frar 1997, residenti gewwa Victoria Mansions, Flat 2, trejqet ir-Regina Vittorja, Sliema u detentrici tal-karta tal-identita' Franciza bin-numru 130372300740 u Emeline Elodie Adeline Gaignier ta' 18-il sena, bint Philippe u Sylvie nee' Le Gall, imwielda gewwa Le Mans nhar it-22 ta' April 1996, residenti gewwa Victoria Mansions, Flat 2, trejqet ir-Regina Vittorja, Sliema u detentrici tal-karta tal-identita' Franciza bin-numru 070272200392

Talli nhar nhar id-29 ta' Awwissu, 2014 ghal habta ta' 12:22hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, iddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat, liema reat jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta' reat li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-posizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qeghdin jinstab hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri  u l-fedina penali taghhom

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 110(2)  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin  millum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Kopja ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------